

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dritt tal-bniedem għal-libertà ta' espressjoni, peress li l-allegati dikjarazzjonijiet, talbiet u manifestazzjonijiet attribwiti lilu huma koperti mill-imsemmi dritt tal-bniedem.
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva fir-rigward tal-motivazzjoni tal-atti, tan-nuqqas ta' sostenn fattwali effettiv tal-motivi allegati mill-Kunsill u tad-drittijiet għal-libertà ta' espressjoni, tad-difiża u għall-proprietà, peress li ma ġewx osservati l-ħtieġa li jiġu prodotti provi effettivi u r-rekwiżit ta' motivazzjoni fil-mument tal-estensjoni tar-regoli, fatt li jaffettwa d-drittijiet l-oħra.
5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għall-proprietà b'rabta mal-prinċipju ta' proporzjonalità, sa fejn dan id-dritt ġie limitat u barra minn hekk b'mod sproporzjonat.
6. Is-sitt motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, peress li ġiet ippreġudikata l-pożizzjoni komparattiva tar-rikorrent mingħajr ebda raġuni għal dan.
7. Is-seba' motiv, ibbażat fuq l-użu ħażin ta' poter, peress li jeżistu indizji oġġettivi, preċiżi u konkordanti li jippermettu li jiġi sostnūt li, billi ġew imposti u estiżi l-miżuri ta' sanżjoni, kienu intiżi għanġi distinti minn dawk allegati mill-Kunsill.

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' Diċembru 2020 – Perry Street Software vs EUipo – Toolstream (SCRUFFS)**

**(Kawża T-720/20)**

**(2021/C 44/74)**

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

### **Partijiet**

*Rikorrent:* Perry Street Software, Inc. (New York, New York, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: M. Hawkins, solicitor u T. Dolde, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Toolstream Ltd (Yeovil, ir-Renju Unit)

### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprietarju tat-trade mark kontenzuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzuża kkonċernata:* ir-reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea tat-trade mark verbali "SCRUFFS" – Reġistrazzjoni internazzjonali Nru 1 171 590 li tindika l-Unjoni Ewropea

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-29 ta' Settembru 2020 fil-Każ R 550/2020-4

### **Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell (fil-każ li tintervjeni fil-proċeduri) għall-ispejjeż.

### **Motivi invokati**

- Nuqqas li jitwettaq eżami komplut u żnaturament tal-fatti u tal-provi skont l-Artikolu 72(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

- Ksur tal-Artikolu 59(1)(a) flimkien mal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 59(1)(a) flimkien mal-Artikolu 79(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

### Rikors ippreżentat fil-11 ta' Diċembru 2020 – Prigozhin vs Il-Kunsill

(Kawża T-723/20)

(2021/C 44/75)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrent: Yevgeniy Viktorovich Prigozhin (Saint Petersburg, ir-Russia) (rappreżentant: M. Lewis, Solicitor)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

#### Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ĝeneralu jogħġobha:

- tannulla r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1481 tal-14 ta' Ottubru 2020 li jimplimenta l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2016/44 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja (¹) u d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1483 tal-14 ta' Ottubru 2020 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja (²);
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka seba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill wettaq żball manifest meta qies li kriterji, irrispettivament minn liema, sabiex ir-rikorrent jiġi inkluż fil-lista ta' persuni, entitajiet u korpi suġġetti għal miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja kienu ssodisfatti fil-każ tar-rikorrent. Ir-rikorrent jallega li l-Kunsill ma identifikax l-entità deskritta bħala Wagner Group, jafferma li huwa ma jaf bl-ebda entità maġħrufa bħala Wagner Group, li huwa ma kellu ebda rabtiet ma' tali entità u li huwa ma kkollaborax magħha u lanqas ma sostniha.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill kiser l-obbligu tiegħu li jimmotiva d-Deċiżjoni tiegħu. Huwa allegat li l-motivazzjoni ma hijiex adatta għall-miżuri restrittivi, ma tindikax il-kwistjonijiet ta' fatt u ta' liġi u ma tagħmlilx riferiment speċifiku u konkret għall-informazzjoni preċiża inkluża fil-fajl rilevanti li tindika li għet adottata deċiżjoni fir-rigward tar-rikorrent.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill naqas milli jagħti raġunijiet adatti u ssostanzjati u wettaq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni meta d-deċieda li jadotta d-Deċiżjoni.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill abbuża mill-poteri tiegħu b'riżultat ta' żbalji manifesti ta' evalwazzjoni meta d-deċieda li jadotta d-Deċiżjoni. Huwa allegat li d-deċiżjoni li jiġi imposti l-miżuri restrittivi fuq ir-rikorrent ġiet adottata bil-għan eskużi jew prinċipali li jintlaħqu għanijiet politiċi u mhux għar-raġunijiet indikati.